**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 99/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wayne Lee Mario Cassar**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Wayne Lee Mario Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 79443131M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, bħala sid il-kera jew amminstratur tal-fond 16, Triq Santa Margerita, Bormla, nhar il-11 ta' Settembru 2020, kif ukoll fil-ġimgħat, fix-xhur preċedenti, bil-ksur tal-liġijiet u regolamenti applikabbli, naqas li jirreġistra kirja tal-imsemmi fond lil Sasha Marie Thorton ID 206113L ma' l-Awtorita' tad-Djar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, peress li ma ġiex ipprovat sal-grad rikjest mill-liġi illi l-imputat huwa sid il-kera, u wara li l-Qorti rat l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 4 u 22 tal-Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux ħati u illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2023, fejn talbet lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Wayne Lee Mario Cassar ħati u konsegwentement tinfliġġi piena skond il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-uniku aggravju vventilat minnha, l-Avukat Ġenerali tisħaq li l-Ewwel Qorti waslet għall-konkluzzjoni żbaljata meta ddikjarat li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-aħjar prova u ċioe' il-kuntratt lokatizzju ffirmat mill-appellat, u għalhekk nieqsa din il-prova għaddiet sabiex illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

Illi, irid jingħad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi l-proċeduri kriminali għar-reati lil jaqgħu taħt il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitmexxew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan kif hemm imfassal fl-artikolu 22(2) tal-imsemmija liġi:

> **Il-proċedimenti kontra kull persuna għal xi reat kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandhom jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, bħala qrati ta' ġudikatura kriminali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali.**

Illi l-Kapitolu 604 ma jipprovdi għal ebda proċedura *ad hoc* fir-rigward ta' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Jikkonsegwi għalhekk illi appell minn dawn is-sentenzi huwa permess biss fit-termini ta'l-artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem *inter alia* dwar appelli minn sentenzi mogħtija fi proċeduri ta' natura sommarja. Fil-fatt is-subartikolu (1)(b) ta' l-imsemmi Artikolu 413 jiddisponi illi:-

> **(1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati –**
>
> **(a) il-persuna misjuba ħatja;**

**(b) <u>f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji</u> għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:**
**(i) l-qorti inferjuri taqta' li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni li tittratta r-reat;**
**(ii) il-fatt li dwaru jkun instab ħati l-imputat jista' jinkorri piena li tkun teċċedi l-ġurisdizzjoni ta'dik il-qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;**
**(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun,minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat lidwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza;**
**(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f' li -**

**(i) l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,**
**(ii) l-azzjoni tiġi estinta,**
**(iii) ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti;**
**(iv) l-intimat, f'każ li fih ikun ġie permess li jipprova l-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 253, jiġi dikjarat bħala eżenti mill-piena;**
**(v) il-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabblili kienet ammissibbli skont il-liġi;**
**(vi) il-parti akkużata kienet inħelset minn xi waħda mill-obbligazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 321 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew fl-artikolu 377 ta' dan il-Kodiċi, jew mill-osservanza ta' xi projbizzjoni magħmula, jew mill-osservanza jew mill-esekuzzjoni ta' xi projbizzjoni jew ordnijiet magħmula jew mogħtija, mill-pulizija jew minn kull uffiċjal pubbliku ieħor, taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew taħt kull liġi oħra;**
**(vii) id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalità jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura;**

**(ċ) fil-każijiet l-oħra kollha, l-Avukat Ġenerali.**

Illi fir-rikors tal-appell, l-Avukat Ġenerali tindika illi l-appell ġie minnha interpost fit-termini tal-Artikolu 413(1)(b)(iv) u 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni għal każ odjern u dan meta din id-disposizzjoni tal-liġi tagħti jedd ta' reviżjoni lil Avukat Ġenerali minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati b'mod ġenerali fil-każijiet l-oħra kollha li mhumiex ta' natura sommarja.

Illi imbgaħad is-sub-inċiż (1)(b)(iv) għall-artikolu 413 jindika illi l-Avukat Ġenerali jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati f'dawk il-każijiet li ma jġorrux piena ta' aktar minn sentejn priġunerija, jew li huma punibbli permezz ta' multa jew

ammenda, u li allura jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti[1], f'każ li l-imputat ikun illiberat unikament meta jikkonkorru xi waħda mit-tlett ċirkostanzi hemmhekk ravviżati, u ċioe' illi l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat, l-azzjoni tkun estinta, jew ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti.

Illi huwa pależi illi l-appell intentat mill-Avukat Ġeneralli ma jinkwadrax ruħu fl-aħħar żewġ istanzi indikati u allura l-Qorti tifhem illi l-appell ntenta jista' biss jkun ikkunsidrat li jaqa' taħt dak dispost fis-sub-inċiż (1)(b)(iv)(*i*) u ċioe' illi "*il-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat*".

Illi minn qari tal-aggravji mqanqla mill-Avukat Ġenerali huwa evidenti illi l-ilment ewlieni jistrieħ fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tagħmel apprezzament tal-provi erronjament qieset illi l-aħjar prova li l-każ kien jagħti kellu jkun il-kuntratt lokatizju u allura li kienet żbaljata meta qieset illi l-provi l-oħra li kien hemm fl-atti ma kenux biżżejjed sabiex setgħet issib ħtija fl-appellat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi hija l-fehma tal-Qorti għalhekk illi l-appell ta'l-Avukat Ġenerali jaġġira ruħu unikament madwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti li waslet biex tillibera lill-appellat għaliex qieset illi l-provi li kien hemm fl-atti ma kenux biżżejjed b'saħħithom biex jistabbilixxu illi l-appellat fil-fatt kien sid il-kera u allura seta' kien is-suġġett attiv tar-reat. L-Ewwel Qorti ma wasslitx għal liberatorja minħabba xi "*error iuris*" u allura għaliex il-fatt ma kienx jikkostitwixxi l-ingredjent tar-reat.

Illi l-ġurisprudenza kostanti u paċifika tal-qrati tagħna fissret hekk dan il-jedd ta' appell ta'l-Avukat Ġenerali. Fis-sentenza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs. Antonio Caruana</u>"[2] ġie ritenut illi –

> **"B'liġi l-Attorney General ma jistax jappella dejjem, imma biss f'ċerti każijiet speċifikat mill-liġi stess. Wieħed minn dawn il-każijiet hu dak li fih il-maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li ma kienux jikkonkorru fill-fatt il-kostitutivi tar-reat. Għal raġunijiet kemm il-darba spjegati fil-ġurisprudenza, dan il-każ ġie dejjem limitat għal meta l-Maġistrat, bla ma jkun daħal fl-eżami tal-fatti tal-kawża, ikun iddikjara li l-fatt "kif-dedott" (apparti mill-provi, u għalhekk mhux il-fatt kif pruvat) ma jikkostitwixxix**

[1] Artikolu 370(1)(b)(c)
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-31 t'Ottubru 1953.

**reat. Sussegwentement, il-ġurisprudenza, ormaj paċifika, estendiet l-interpretazzjoni ta' dan il-każ li fih l-Attorney General jista' jappella billi nkludiet fih anki l-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatti enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat, għaliex intqal li l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt."**

Illi l-kompjant Imħallef William Harding, fil-ktieb tiegħu ntitolat "Recent Criminal Cases Annotated" jgħid li –

**"The Attorney General may enter an appeal, inter alia, whenever the party accused has been acquitted on the ground that the fact does not contain the ingredients of an offence. The word "fact" in this provision had at all times been held to mean the fact as contained in the charge apart from the evidence, and not the fact as it subsequently appears from the evidence. If the Magistrates acquits the accused because the fact is not proved, or because the fact, as it appears from the evidence, does not amount to an offence, then no appeal lies. An appeal will lie if the Magistrate, considering the fact solely and simply as contained in the charge, apart from the evidence, has come to the conclusion that that fact does not constitute an offence. In effect, this means that on a question of fact no appeal lies, but an appeal will lie on a question of Law.**

**An appeal will also lie – under the provision afore quoted if the Magistrate, after hearing and weighing the evidence, has, in applying the Law to the fact as proved, made a wrong interpretation of construction of the Law. In any such case, although the Court below has considered the fact as proved, still in as much as a wrong construction of the Law has been made, the questioned raised on appeal is, in reality, a question of Law.**

**For the purpose of examining whether a judgement be subject to appeal or not, in accordance with the aforesaid rules, it is essential to look more at the substance of the judgements than at the words which the Magistrate may have used, not always, perhaps, with the denied accuracy.**[3]

Illi, ukoll fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Gaetano Cuschieri et" deċiża minn dina l-Qorti diversament preseduta nhar il-25 t'Ottubru 1984 ġie ritenut li –

**Fil-fatt jigi ribadit dak li ormai ghandu jkun jaf kulhadd li biz-zmien din il-Qorti u qabilha l-Qorti Kriminali (Sede Appell) kienu estendew il-kaz fejn il-Magistrat ikun illibera lill-imputat ghaliex ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat biex jinkludi fih ukoll il-kaz meta l-Magistrat ikun applika ghat fatt enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tar-rekwiziti tar-reat. B'gurisprudenza kostanti ghalhekk gie koncess ukoll id-dritt ta' l-appell lill-Avukat Generali anke f'dan il-kaz ghax kif tant tajjeb spjegat fis-sentenza in re Pol. vs A. Caruana, moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1953, l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt. Però ghandu jigi**

[3] Paġna 64, kif anke ċitata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Joseph Ellul Sullivan et", deċiza nhar id-29 ta' Novembru 1982.

mfakkar illi fl-applikazzjoni ta' dan il-principju dawn il-Qrati dejjem addottaw linja dritta u inekwivoka ta' ragonament li assikurat li ma jsirx tigbid ta' argumenti mill-Avukat Generali biex jottjeni dritt ta' appell meta ma ghandux u ghalhekk dejjem ghamlitha cara din il-Qorti li dak li trid tara hi s-sustanza tas-sentenza fil-kumpless taghha u jekk essenzjalment il-bazi tkun verament apprezzament ta' fatti ma jinghatax lill-Avukat Generali d-dritt ta' Appell. Ir-raguni hi ovvja u cjoè ghaliex ma ghandux jintuza hawn qed nitkellem mhux fuq dritt gdid ta' appell imma fuq estensjoni tal-massima li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell meta l-Magistrat ikun illibera ghax ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat;

Illi dan kollu din il-Qorti qalitu mhux ghax kien hemm xi parti minnu li s'issa ma kinitx cara izda ghax l-allegata enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta li l-Avukat Generali qed jimputa li kien hemm fis-sentenza meritu ta' l-appell ordjern din il-Qorti semplicement ma tistax taraha. Fil-fatt anzi hu bl-iktar mod car li fis-sentenza appellata ma hemm assolutament ebda enuncjazzjoni ta' ligi u ghalhekk ma jistax jigi ssostitwit dak li qed jigi allegat;

Fil-fatt l-gharef Avukat Generali qed jallega illi l-EwweI Qorti ghamlet distinzjoni bejn dak li "ma rrizulta b'ebda mod ippruvat" u dak li "ma rrizultax sodisfacentement ippruvat stante konflitt fil-provi" u din hi distinzjoni li ma ghandha ebda fundament fil-ligi. L-appellant fil-fatt qed jikkontendi illi l-grad ta' prova rikjest mill-prosekuzzjoni skond il-ligi huwa wiehed u uniku u cjoé l-prova "Minghajr dubbju ragonevoli". L-appellant ikompli ukoll jargumenta illi : "Il-Ligi ma tirrikjedix li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-kaz taghha "sodisfacentement". Dan hu grad ta' prova li mhux maghruf fis-sistema penali Malti u huwa priv minn kull sinifikat. Inoltre, l-"konflitt fil-provi" ma jwassalx, kif irriteniet l-Ewwel Qorti ghall-konsegwenza li l-prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tipprova l-akkuzi skond il-ligi. Il-konflitt fil-provi huwa parti integrali mill-process kriminali u l-apprezzament ta' tali konflitt mill-gudikant jifforma parti mill-ezercizzju li hu mistenni jaghmel fir-ricerka tal-verita. Il-gudikant ma jistax jaghmel, bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti, li appena jidhirlu li hemm konflitt fil-provi allura jasal ghall-konkluzjoni li rreati ma rrizultawx. Fil-kaz ta' tali konflitt izda, jispetta lill-gudikant li jaghmel l-apprezzament tal-provi ggwidat mill-kriterji tal-ligi stess (ara artikoli 633 u 634 talKodiéi Kriminali) u jiddecidi skond ir-regoli tal-ligi liema provi ghandu joqghod fuqhom u liema provi ghandu jiskarta. Dan l-ezercizzju ma sarx mill-EwweI Qorti li kull ma ghamlet hu li appena dehirlha li rriskontrat konflitt fil-provi waslet ghall-konkluzjoni li r-reat ma giex ippruvat".

Illi fuq dawn is-sottomissjonijiet kollha din il-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u hi tat-ferma opinjoni li n-nullita eccepita ghall-appell ta' l-Avukat Generali hi inekwivokalment fondata u radikata. Infatti mhux biss certi asserzjonijiet indikati huma totalment gratuwiti izda din il-Qorti tinsab kompletament konvinta li anke jekk kellha taghti valur assolut li s-sottomissjoniiiet ta' natura legali li ghamel l-appellant xorta trid

**necessarjament tasal ghall-unika konkluzjoni li tista' ragonevolment tigi raggunta u cjoè li fis-sentenza appellata hemm biss apprezzament ta' fatt u xejn izjed. U mhux korrett dak li sostna l-appellant li fis-sentenza hemm anke minimament xi indikazzjoni li l-Ewwel Qorti ttrattat il-kaz leggerment u ghamlet apprezzament tal-fatti superficjalment biss. L-apprezzament sar u jekk l-Avukat Generali ma jaqbilx mieghu ma jfissirx li b'daqshekk ottjena dritt ta' appell meta ma ghandux anke jekk l-istess appellant ihossu konvint li ma jistax jaqbel ma' dak l-apprezzament. L-istess ligi ma ttihx dritt ta' appell f'kazijiet bhal dan u ghalhekk ma baqghalha xejn din il-Qorti hlief li takkolji l-eccezzjoni tan-nullità tal-appell;**

Illi, similment fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Giorgia Zammit", kien deċiż hekk dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dan is-sub-inċiż tal-liġi u d-diċitura adoperata illi l-"Fatt" ma jkunx jikkostistwixxi reat:–

**".... Il-fatti jistghu jkunu dawk imputati u jistghu jkunu dawk li jirrizultaw. Fl-ewwel kaz hu prospettat il-kaz fejn il-Qorti bla ma tisma prova tiddeciedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat u allura hemm l-appell tal-Avukat Generali u dan ikun parament appell fuq punt ta'dritt. Similment jekk wara li jinstemghu l-fatti jigi applikata hazin il-ligi ikun propjament qed jigi deciz li l-fatti ma jikkostitwux reat mhux ghax necessarjament hu hekk izda ghax tkun saret enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi. F'dan il-kaz l-appell hu moghti lill-avukat generali jekk veru jkun sar dan l-error juris biss u l-fatti fil-fatt jistennew l-ezitu ta' din il-kwistjoni."**

Illi, ifisser għalhekk illi jkun ammissibbli appell f'żewġ każijiet biss, **"jigifieri meta l-Magistrat ikun waqaf fil-fatt kif dedott, apparti l-provi, u ddikjarah mhux reat, jew inkella meta jkun dahal fil-provi, imma jkun applika ghall-fatti rizultati interpretazzjoni hazina tal-ligi."** Issa fil-każ preżenti l-Ewwel Qorti daħħlet biex teżamina l-provi u għalhekk ma jistax jingħad illi jirriżulta l-ewwel ipoteżi u ċioe' illi l-fatt kif imputat ma kienx jikkostitwixxi reat. Dan mhux l-argument ta'l-Avukat Ġenerali u dan għaliex l-Ewwel Qorti qatt ma iddeċidiet illi in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-kuntratt lokatizzju mal-awtoritajiet kompetenti ma jikkostitwixxi ebda reat. Illi lanqas ma jista' jingħad imbagħad illi wara li semgħet il-provi l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u enunċjazzjoni żbaljata tal-ligi in materja tar-reat in diżamina, dan lanqas ma huwa l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali.

Illi minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti għall-liberatorja kien il-fatt illi l-prova ewlenija li fuqha kienet imsejsa l-akkuża

ma ġietx ippreżentata mill-prosekuzzjoni, bil-Qorti tilmenta illi fuq il-kopja tal-kuntratt lokatizju li kien eżebit lanqas tirriżulta b'mod ċar il-firma tal-appellat u ismu u allura illiberat lill-appellat "**peress li ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mill-liġi illi l-akkuzat huwa sid il-kera**", u ċioe a bażi tal-apprezzament tal-provi magħmul minnha u xejn aktar. Illi anke jekk wieħed iħares lejn id-diċitura adoperata mill-Avukat Ġenerali fl-aggravji imqanqla, huwa evidenti illi il-kritika hija diretta unikament lejn l-apprezzament tal-provi billi fil-fehma tagħha kien hemm provi oħra li jippuntaw lejn ir-reita' u dan għalkemm il-kuntratt lokatizju fl-oriġinal tiegħu ma kienx eżebit. Tikkritika s-sentenz appellata f'dan is-sens fir-rikors ta'l-appell:

> **"Illi għalhekk, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tikkonkludi, kif essenzjalment għamlet, li l-fatt li ma ġietx ippreżentata kopja oriġinali jew kopja awtentikata tal-kuntratt relattiv, jew li ma kenitx leġibbli l-firma tal-imputat kien jammonta għal nuqqas ta' provi. Anzi l-Ewwel Qorti kienet obbligata teżamina l-provi kollha ippreżentati u mhux tiffokka biss fuq ħaġa waħda biss. *Si tratta* ta' reati taħt il-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta, l-aqwa prova tal-eżistenza tal-kirja ma tkunx biss il-kuntratt liema kuntratt fl-aħħar mill-aħħar jinsab fl-atti. Jekk l-imputat jammetti l-eżistenza tal-kirja, kif fil-fatt għamel fix-xiehda tiegħu, dik hija wkoll l-aqwa prova."**

Isegwi għalhekk illi l-appell ta'l-Avukat Ġenerali huwa imsejjes unikament fuq apprezzament tal-provi u allura huwa irritu u null billi ma jinkwadrax ruħu fid-disposizzjonijiet tal-liġi ndikati fir-rikors ta'l-appell u li abbażi tagħhom tressaq l-appell odjern. Finalment, għal kull buon fini, jiġi dikjarat illi din nullita' tista' tiġi sollevata *ex officio* mill-Qorti għalkemm l-appellat ma iqanqal ebda preġudizzjali f'dan is-sens.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell ta'l-Avukat Ġenerali irritu u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**